**24/19**

**L-Erbgħa u għoxrin (24) laqgħa tal-*Kunsill Lokali Santa Venera* li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tnejn 21 t'April, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier |
| Is-Sur Gianluca Degabriele | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Ezekuttiv |

Aġenda:

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-Ġurnata
   a) Rendikont Finanzjarju minn Jannar 2014 sa Marzu 2014
   b) Management Letter
   c) Facebook Page
   d) Attivita' konġunta għas-16 ta' Mejju 2014
   e) Jum l-Omm
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

1 Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija.

**2. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti***

2.1 Il-Minuti 23/19 ttieħdu bħala moqrija
2.2 Il-Minuti tal-laqgħa 23 ġew approvati unanimament.

Fis-6:40 pm wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill is-Sur Horace J. Anastasi.

**3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti**

3.1 Minuta 3.2- Is-Sindku informa lill-membri li s-Segretarju flimkien ma' l-Accountant iltaqgħu mar-rappreżentanti tal-EUPA dwar il-Proġett tal-Youth "Move On, On Move". L-Accountant evalwa l-irċevuti li ġew preżentati u rriżulta li l-irċevuti huma konformi ma' dak mitlub. Għaldaqstant l-Accountant ser jippreżenta lill-Kunsill "comfort letter" sabiex b'hekk l-Kunsill ikun jista' jirrikonoxxi u japprova r-rapport konklussiv tal-EUPA.

Fis-6:45 pm waslu tnejn mill-membri tal-Kunsill is-Sinjura Elizabeth Vella u s-Sur Darren Carabott

3.2 Minuta 3.4 – Is-Sindku nforma lill-membri li fi Triq Misraħ il-Barrieri iridu jsiru xi tabelli ġodda. It-tabelli li juru s-sinjali tal-"one ways" li qegħdin kantuniera ma' Triq il-Kappillan Mifsud iridu jinbidlu u jsiru akbar. Kien hemm qbil li għandha ssir tabella faċċata tal-parking garage tal-Lidl li turi "No Turning Left".

Il-Membri qablu unanimament

3.3 Minuta 3.5 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva l-istimi tal-lifts iżda skont m' intqal fil-laqgħa li saret mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fis-26 ta' Marzu 2014, id-Dipartiment irid li l-proġett jibda u jitlesta avolja ma jkunx għadu magħruf minn rebaħ il-premji ta' A+Accessibility Award. F'dan ir-rigward il-Kunsill ma jistax jibda proġett bħal dan jekk ma jkollux il-finanzi biżżejjed għall- imsemmi proġett.

Il-Membri qablu unanimament

Fis-6.55 pm wasal l-Accountant is-Sur Christian Farruġia

3.4 Minuta 3.6 – Is-Sindku nforma lill-membri li skont l-aħħar reġistru elettorali l-isem ta' Triq Ġdida fi Triq l-Imsida saret Triq il-Madonna tal-Karmnu.

Barra minn hekk is-Sindku kompla billi informa lill-membri li ser jinbidel iċ-Chairman tal-Enemalta u bis-sitwazzjoni tat-triq imsemmija ġie nfurmat il-Ministru Konrad Mizzi. Is-Sindku kompla billi qal li ma nistgħux indumu aktar għaliex minħabba x-xogħol li jrid isir fi Triq l-Imsida qed iżomm lill-Kunsill milli jkompli xogħol ta' "resurfacing" li jrid isir fi Triq Misraħ il-Barrieri.

F'dan l-istadju (7.05pm) is-Sindku talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss punt 7 tal-Aġenda – Ordnijiet tal- ġurnata.

Il-Membri qablu unanimament

## 4. Ordnijiet tal-Ġurnata

### (a) Randikont finanzjarju Jan-Mar 2014

Is-Sur Chris Farrugia spjega fid-dettal ir-rendikont finanzjarju bejn Jannar u Marzu 2014. Ġie nnutat li ċerti Financial Committments ma kienux imniżżlin u għaldaqstant kien hemm qbil sabiex dan jiġi rivedut.

Il-Membri qablu unanimament u r-rapport ġie approvat kif koreġut.

### (b) Management Letter

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

Is-Sur Chris Farrugia spjega fid-dettal ir-rapport li l-awdituri għamlu għas-sena 2013.

Is-Sindku informa lill-membri li l-proċeduri jitolbu li wara li l-awdituri għamlu l-postings tagħhom l-accountant ikun irid jevalwa u jagħmel l-aġġustamenti tal-financial statements. Peress li sat-30 t'April 2014 iridu jiġu preżentati l-financial statements s-Sindku saqsa jekk il-membri għandhomx xi diffikulta sabiex l-accountant ikun jista jmexxi b'dawn l-aġġustamenti tal-Financial statements u jiġu preżentati lill-awdituri.

Il-Membri qablu unanimament

Fit-8.40 pm Is-Sur Horace Anastasi u l-Accountant is-Sur Christian Farrugia ġew skużati. għall-kumplament tal-laqgħa.

**(c) Facebook Page**

Is-Sindku nforma lill-membri li wasal iż-żmien sabiex il-Kunsill jieħu l-inizzjattiva u jagħmel il-paġna tiegħu fuq il-facebook. Is-Sindku ħatar lill-vici Sindku s-Sur Jonathan Brimmer responsabbli biex jieħu ħsieb il-paġna minn naħa ta' pubblicita' u attivitajiet. Barra minn hekk is-Sindku qal li l-ilmenti li jidħlu fuq il-paġna jieħu ħsiebhom is-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku enfasiżża li fil-paġna tal-facebook il-battuti politici huma projbiti.

Il-Membri qablu unanimament.

**(d) Attivita' konġunta għas-16 ta' Mejju 2014**

Is-Sindku informa lill-membri dwar attivita' konġunta mas-Soċjeta Filarmonika Santa Venera V.M taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta l-E.T is-Sinjura Marie Lousie Coleiro Preca li ser issir fis-16 ta' Mejju 2014. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jipprovdi l-PA system u flyers. Minn naħa l-oħra l-Kunsill qiegħed jara min jista' jipprovdilna l-catering għal okkażjoni. Is-Sindku qal li l-ispejjeż għal din l-attivita' m'għandhomx jaqbżu €300.

Il-Membri qablu unanimament.

**(e) Jum l-Omm**

Is-Sindku informa lill-membri li fid-9 ta' Mejju għandha ssir quddiesa għal Jum l-Omm bil-parteċipazzjoni tal-Banda. Wara jittella kunċert żgħir mill-banda stess.Bħala spejjeż il-Kunsill iddeċieda fuq budġit massimu ta' €300. Is-Sindku għandu jikkomunika ma' tal-banda fuq dan l-avveniment.

Il-Membri qablu unanimament.

**5. Titkompla Punt 3 tal-Aġenda - Affarijiet li jitqajmu mill-minuti**

Fit-9.10 pm Is-Sur Jonathan Brimmer ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

5.1 Minuta 4.1 - Is-Sindku informa lill-membri li s-Segretarju kellu laqgħa maċ- Chairman ta' l-Awtorita tad-Djar fejn ġie diskuss il-kont tad-dawl pendenti relatat mal-playground Dun Gorg Preca li jammonta għal €3,221.51. Iċ-Chairman qalet li dan il-kont pendenti ser tippreżentah quddiem il-board sabiex b'hekk l-Awtorita' tad-Djar tkun tista' tirrimedja.

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA** | **SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

5.2 Minuta 4.4 – Is-Sindku nforma lill-membri li s-Sur Romano biddel l-idea tiegħu għaldaqstant dan il-festin mhux ser issir f'dan il-ġnien.

5.3 Minuta 7 - Ilment 380 is-Sindku qal li l-kunsill irċieva l-istima ta kemm ser tiswa it-triq u l-bankina ta' Triq San Ġorġ in-naħa ta' bejn Triq il-Kbira u Triq il-Kanun. L-istima li irċivejna tkopri eżatt għall-allokazzjoni ta' €40,000 li l-Kunsill ta' Santa Venera huwa stmat li jirċievi mir-Reġjun.

5.4 Minuta 8 - Is-Sindku informa lill-membri li t-triq ta' fejn ser issir l-attivita' Harsien tal-Annimali ser tkun fi Triq Patri Ġwann Azzopardi.

Rigward l-attivita' Akkwaddott Iffjurit sar tibdil minn fejn ser tingħalaq it-triq minħabba li fil-knisja parrokjali ser ikun hemm ċelebrazzjoni ta' tieġ. Għaldaqstant ġie deċiż li l-Kunsill ser jagħlaq minn Triq il-Parroċċa sa Triq l-Imsida.

5,5 Minuta 9.2- Is-Sindku informa lill-membri fuq Triq Brighella li sar ftehim fuq il- post mal-kuntrattur u din il-ġimgħa l-ħsara li saret għandha tiġi msewwija.

5,6 Minuta 9.3 - Is-Sindku qal li hemm 3 persuni oħra nteressati biex jagħmlu parti mill-Grupp t'Azzjoni mir-Residenti fuq il-mini Reġjonali u dawn huma Philip Cachia, Michael Hudson u Charles Scerri. Ma kien hemm l-ebda oġezzjoni dwarhom.

5.7 Minuta 9.6 - Is-Sindku informa lill-membri li fis-sajf ser jerġa' isir l-Ikids Start mit-TCTC. Il-kors isir b'xejn iżda l-Kunsill irid jagħmel tajjeb għal pubblicita' ta' dan il-kors.

5.8 Minuta 9.7 - Is-Sindku informa lill-membri li ntlaħaq ftehim mal-Green Pak u fil-granet li ġejjin ser ikun iffirmat il-kuntratt

**6 Aġġornament**

Is-Sindku informa lill-membri li skont il-ligi il-laqgħa ma tistax tieħu aktar minn tlett siegħat u għaldaqstant ġiet aġġornata * għat-30 t'April, 2014 fis-6.00 ta' filgħaxija. *għal-tkomplija tagħha.

6.1 *Il-Laqgħa intemmet fid-9.35 ta' filgħaxija.*

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum: 26/05/2014

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt